MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 485/2011

**Maria *sive* Mary Rose Sacco**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2011 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi l-esponenti Maria Sacco, magħrufa bħala Mary Rose Sacco, twieldet fis-16 ta' Ottubru 1955 u ġiet reġistrata fir-Reġistru Pubbliku bl-isem ta' Maria, u dan kif jidher mill-estratt veru mill-Att tat-Twelid tagħha miżmum fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku li jġib in-numru sitt elef tmien mija disgħa u sebgħin (6879) hawn anness u mmarkat bħala Dok A;

Illi fl-istess att l-isem li biha għandha tissejjaħ l-esponenti ġie ndikat bħala Maria meta fil-fatt hija dejjem ġiet imsejħa bħala Mary Rose kemm fil-familja, fil-ħajja soċjali tagħha, dik professjonali bħala *careworker* tal-anzjani kif ukoll dik akkademika. Dan kollu jirriżulta ampjament ċar mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dokument B, C, D u E.

Illi dan premess huwa rifless ukoll f'numru ta' dokumenti uffiċjali maħruġa f'isem l-esponenti, fosthom fil-karta tal-identita' tagħha, fil-liċenzja tas-sewqan tagħha, kif ukoll fil-karta tal-votazzjoni tagħha maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali għar-referendum 2011, kopja ta' liema qed jiġu hawn annessi u mmarkati rispettivament bħala Dokument F, G u H.

Illi tali inkonsistenza qiegħda tikkawża diffikultajiet prattiċi lill-esponenti u għalhekk hija għandha interess, skond il-liġi sabiex *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li ssir id-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tagħha kif ukoll fl-atti l-oħra kollha tal-ħajja ċivili tal-esponenti;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob, li prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(a) Tiddikjara li hemm il-ħtieġa li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni li jġib in-numru sitt elef tmien mija disgħa u sebgħin (6879), fis-sens illi l-isem tal-esponenti 'Maria' jinbidel għal dak ta' 'Mary Rose' u dan peress illi l-esponenti minn dejjem kienet msejħa bl-isem Mary Rose;

(b) Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li fl-Att tat-Twelid odjern isiru annotazzjoni meħtieġa fis-sens illi fil-kolonna *"Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* l-isem 'Maria' jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem 'Mary Rose';

(c) Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubblilku, *ai termini* tal-Artikolu 253(3) tal-Kap 16, illi dan it-tibdil jiġi

rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-esponenti, sabiex l-esponenti tiġi ndikata bl-isem ta' 'Mary Rose' minflok dak ta' 'Maria'.

Bl-ispejjeż kontra d-Direttur intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fis-16 ta' Ġunju 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi *in limine litis* ukoll ir-rikorrenti għandha tispeċifika taħt liema artikolu tal-liġi hi qiegħda tesperimenta din l-azzjoni tagħha ħalli b'hekk l-esponent ikun f'qagħda aħjar li jkun jista' jwieġeb. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li r-rikorrenti tindika preċiżament taħt liema dispożizzjoni tal-liġi hi qiegħda tippostula dawn il-proċeduri istanti;

Illi madankollu mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk ir-rikorrenti qiegħda tibbaża l-pretensjonijiet tagħha taħt l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent umilment jirrileva li dan mhuwiex applikabbli għal każ odjern peress li l-Artikolu 253(2) **jitkellem fuq bdil ta' isem** u mhux żieda fl-isem.

Illi difatti l-artikolu in kwistjoni juża l-kliem '**minflok**' (test Inliz ***'in substitution'***). Hawnhekk ir-rikorrenti mhux qed titlob li isimha jiġi sostitwit iżda li jkun hemm żieda ma' l-isem proprju tagħha jiġifieri minn Maria tiġi Mary Rose.

Dan il-punt ġie wkoll ribadit fis-sentenza ppronunzjata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kolleġġjali fil-31 ta' Jannar 2011

fl-ismijiet **"Dr. Robert Abela noe vs Id-Direttur tar-Registru Pubbliku"** fejn irriteniet li:

*"Jingħad ukoll li l-għan ta' dan is-sub-artikolu [ċjoe' l-artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta] hu biex isem jiġi sostitwit b'ieħor u mhux li jiżdied isem ieħor ma' dak li ġa` hemm. Dan jirriżulta ċar mid-diċitura tal-istess sub-artikolu billi hu maħsub li l-isem jew ismijiet li bihom kienet konsistentement imsejħa jieħdu post l-isem li jirriżulta fiċ-ċertifikat u mhux kif qed jintalab f'dawn il-proċeduri."*

Illi finalment, dejjem mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-25 ta' Novembru 2011 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata billi l-attriċi dejjem kienet magħrufa bħala **Mary Rose** u mhux kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni. Il-Qorti ma taqbilx li l-attriċi qed

titlob żieda ma' isimha ndikat fiċ-ċertifikat, għaliex huwa ċar mir-rikors li qed titlob sostituzzjoni, għalkemm huwa minnu li fl-aħħar talba qed tindika s-sub-inċiz (3) tal-Artikolu 253 biss. Dan il-fatt pero' m'għandux iwassal biex il-Qorti ma taċċettax it-talba. Infatti l-attriċi fit-tieni talba qed titlob il-kanċellament tal-isem *Maria* biex jiġi sostitwit b'*Mary Rose*. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball u m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, u dan *ai termini* tal-Artikolu 253 kollu.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-istess attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------